

## REGOLAMENT (KE) Nru 1166/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Novembru 2008

**dwar stħarriġ ta' strutturi ta' l-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw *it-Trattat* li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 tad-29 ta' Frar 1988 dwar l-organizzazzjoni ta' l-istħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli <sup>(2)</sup> jipprevedi programm ta' stħarriġ Komunitarju li jipprovdi statistika dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli sa l-2007.
- (2) Il-programm ta' stħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli, li ilu jsir fuq bażi Komunitarja mill-1966/67, għandu jtkompla sabiex jiġu eżaminati t-tendenzi fuq livell Komunitarju. Fl-interessi taċ-ċarezza r-Regolament (KEE) Nru 571/88 għandu jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.
- (3) Għall-finijiet ta' l-aġġornar tar-reġistri bażi ta' l-impriżi agrikoli u l-informazzjoni l-oħra li hija meħtieġa għall-istratifikazzjoni tal-kampjuni ta' l-istħarriġ, huwa meħtieġa ċensiment ta' l-impriżi agrikoli fil-Komunità għall-inqas kull għaxar snin. L-aħħar ċensiment qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament sar fl-1999/2000.
- (4) Teżisti l-ħtieġa li tinġabar data dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri assoċjati ma' l-iżvilupp rurali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) <sup>(3)</sup>.
- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar l-indikaturi agro-ambjentali, il-Kunsill għaraf il-ħtieġa ta' data komparabbli dwar l-attivitàjiet agrikoli, fuq livell ġeografiku xieraq, u li tkopri l-Komunità kollha. Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tiegħu l-miżuri stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2006 <sup>(4)</sup> li jinkludu l-produzzjoni ta' data statistika, partikolarment fir-rigward tal-prattiki ta' ġestjoni ta' l-impriżi agrikoli u l-użu tal-prodotti ta' l-impriżi agrikoli.

(6) Hemm nuqqas ta' informazzjoni statistika fuq il-metodi differenti ta' produzzjoni agrikola fuq livell ta' impriżi individwali. Għalhekk, huwa meħtieġ titjib fil-proċedura għall-ġbir ta' informazzjoni dwar metodi ta' produzzjoni agrikola marbuta ma' informazzjoni strutturali dwar l-impriżi agrikoli, biex tingħata aktar statistika għall-iżvilupp tal-politika agro-ambjentali u biex titjeb il-kwalità ta' l-indikaturi agro-ambjentali.

(7) Statistika komparabbli mill-Istati Membri kollha dwar struttura ta' l-impriżi agrikoli hija importanti sabiex jiġi stabbilit l-iżvilupp tal-politika agrikola fil-Komunità. Għalhekk, il-klassifikazzjoni standard u d-definizzjonijiet komuni għandhom jintużaw sakemm dan ikun għall-karatteristiċi ta' stħarriġ.

(8) L-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli fl-2010 u ċ-ċensiment ta' kull għaxar snin tal-popolazzjoni fl-2011 jiffa' piż kbir fuq ir-riżorsi ta' statistika ta' l-Istati Membri jekk il-perjodi tal-ħidma fil-post għal dawn iż-żewġ stħarriġiet kbar jaħbtu flimkien. Għandha għalhekk tkun prevista deroga li tippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli fl-2009.

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja <sup>(5)</sup> jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità ma' l-istandards ta' l-imparzjalità, l-affidabilità, ir-relevanza, l-effettività tan-nefqa, l-kunfidenzjalità ta' l-istatistika u t-trasparenza. Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup> jikkostitwixxi qafas ta' referenza għat-trażmissjoni u l-protezzjoni ta' data statistika kunfidenzjali previsti f'dan ir-Regolament, sabiex jiġi żgurati li ma jkunx hemm żvelar illegali u użu mhux statistiku meta l-istatistika Komunitarja tinġabar u tinxtered.

(10) L-użu tal-lok ta' l-impriża agrikola mill-Kummissjoni għandu jkun limitat għal analizzjiet ta' statistika u għandu jeskludi t-teħid ta' kampjuni u t-tweqqi ta' stħarriġ. Il-protezzjoni meħtieġa tal-kunfidenzjalità tad-data għandha tiġi żgurata, fost mezzi oħra, billi tiġi limitata l-preċiżjoni

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2008.

<sup>(2)</sup> ĠU L 56, 2.3.1988, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

<sup>(4)</sup> Intitolata "Iżvilupp ta' indikaturi agro-ambjentali għall-monitoraġġ ta' l-integrazzjoni ta' tħassib ambjentali fil-politika agrikola komuni".

<sup>(5)</sup> ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.

tal-parametri dwar il-post u permezz ta' aggregazzjoni ierqa meta tiġi ppubblikata l-istatistika.

- (11) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 <sup>(1)</sup> stabilixxa l-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità.
- (12) Bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħolqien ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) <sup>(2)</sup>, l-unitajiet territorjali għandhom jiġu definiti f'konformità, mal-klassifikazzjoni NUTS.
- (13) Sabiex jitnaqqas il-piż tal-ġbir tad-data minn fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri sakemm ikun possibbli, għandha tiġi provduta l-possibbiltà ta' użu ta' kampjuni ta' sħarriġ u ta' sorsi amministrattivi.
- (14) Sabiex jitwettaq dan l-istħarriġ, ser jkun meħtieġ finanzjar konsiderevoli mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni fuq numru ta' snin, li proporzjon kbir minnu se jkun użat biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-Komunità.
- (15) Huwa rikonoxxut li l-ħtiġiet marbuta ma' l-għarfien u l-identifikazzjoni bis-satellita ta' impriżi agrikoli jikkawżaw problemi serji ta' metodoloġija u teknika lil bosta Stati Membri.
- (16) Għandu għalhekk isir provvediment għal sussidju Komunitarju biex jiġi assistit danil-programm ta' sħarriġ permezz tal-fond tal-Garanziji Agrikoli Ewropej taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni <sup>(3)</sup>.
- (17) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għaż-żmien kollu tal-programm li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja ta' kull sena, skond it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(4)</sup>.
- (18) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, l-iktar il-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli u l-metodi ta' produzzjoni agrikola, ma jstgħux jinkisbu b'mod suffiċenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stipolat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jikseb dak l-għan.
- (19) Il-miżuri meħtieġa biex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għat-tħaddim tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(5)</sup>.
- (20) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi il-koeffiċjenti għall-unitajiet ta' bhejjem, sabiex tiddefinixxi l-karatteristiċi u tadatta l-Annessi ta' dan ir-Regolament. Minħabba li dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (21) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE <sup>(6)</sup> ġie kkonsultat,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

#### Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja komparabbli dwar struttura ta' impriżi agrikoli u sħarriġ għall-metodi ta' produzzjoni agrikola.

#### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) "impriża agrikola" jew "impriża" tfisser unità waħdanija, kemm teknikament u ekonomikament, immexxija minn ġestjoni waħdanija u li twettaq attivitajiet agrikoli elenkati fl-Anness I fit-territorju ekonomiku ta' l-Unjoni Ewropea, bħala l-attività kemm primarja jew sekondarja tagħha;
- (b) "unità" ta' bhejjem" tfisser unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta' bhejjem sabiex ikunu jistgħu jiġu pparagunati. L-unitajiet ta' bhejjem huma ddefiniti abbażi tal-ħtiġiet ta' għalf tal-kategoriji ta' annimali individwali, li l-koeffiċjenti għalihom għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15 (2);

<sup>(1)</sup> ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

<sup>(6)</sup> ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.

- (c) “kampjuni ta’ stħarriġ” tfisser stħarriġ statistiku bbażat fuq il-kisba ta’ kampjuni stratifikati każwali li jkunu mfassla biex jipprovdu statistika rappreżentattiva fir-rigward ta’ impriżi agrikoli fuq livelli reġjonali u nazzjonali. L-istratifikazzjoni għandha tinkludi id-daqs u t-tip ta’ l-impriżi agrikoli sabiex jiġi aċċertat li l-impriżi agrikoli ta’ daqs u tipi differenti jkunu rappreżentati b’mod xieraq;
- (d) “reġjun” tfisser l-unità territorjali NUTS 2 definita fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003; 3
- (e) “lok ta’ l-azjenda” tfisser il-koordinati tal-latitudni u l-lonġitudni f’ark ta’ 5 minuti li jevitaw l-identifikazzjoni diretta ta’ azjenda individwali. Jekk il-lok ta’ latitudni u ta’ lonġitudni jkun fih biss azjenda agrikola waħda, allura din l-azjenda għandha tiġi attribwita lil lok fil-viċinanza, li fih minn ta’ l-inqas azjenda agrikola waħda oħra.

#### Artikolu 3

##### Kopertura

- L-istħarriġ speċifikat f’dan ir-Regolament għandu jkopri:
  - impriżi agrikoli fejn iż-żona agrikola użata għall-biedja tkun ta’ ettaru wieħed jew aktar;
  - impriżi agrikoli fejn iż-żona agrikola utilizzata għall-biedja tkun ta’ inqas minn ettaru wieħed, jekk daww l-impriżi jipproduċu ċertu proporzjon għall-bejgħ jew jekk l-unità ta’ produzzjoni tagħhom taqbeż ċerti limiti fiżiċi minimi.
- Madanakollu, l-Istati Membri li jużaw limitu massimu fl-istħarriġ ta’ “1 fuq minn ettaru għandhom jiffissaw dan il-limitu massimuf’livell li jeskludi biss l-iżgħar impriżi agrikoli li flimkien jikkontribwixxu 2 % jew inqas għat-total taż-żona agrikola utilizzata b’esklużjoni ta’ l-art komuni u 2 % jew inqas tan-numru totali ta’ unitajiet ta’ bhejjem imrobbija fl-impriżi agrikoli.
- Fi kwalunkwe każ, l-impriżi agrikoli li jilħqu wieħed mil-limiti fiżiċi minimi speċifikati fl-Anness II għandhom jiġu koperti.

#### Artikolu 4

##### Għejun tad-data

- L-Istati Membri għandhom jużaw l-informazzjoni mis-Sistema Integrata ta’ Amministrazzjoni u Kontroll provduta fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003<sup>(1)</sup>, is-Sistema ta’ Identifikazzjoni u Reġistrazzjoni ta’ Annimali Bovini provduta fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000<sup>(2)</sup> u r-reġistru tal-biedja organika stabbilit skond ir-Regolament (KE) Nru 834/2007<sup>(3)</sup> bil-kondizzjoni li din l-informazzjoni tkun ta’ l-inqas ekwivalenti fil-kwalità għall-informazzjoni miksuba minn stħarriġ statistiku. L-Istati Membri jistgħu ukoll jużaw sorsi amministrattivi li huma assoċjati mal-kultivazzjoni tal-ħxejjex li huma mmodifikati

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta’ Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta’ Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.)

ġenetikament u miżuri speċifiċi ta’ miżuri ta’ żvilupp li jissemmew fl-Anness III.

- Jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża sors amministrattiv apparti daww speċifikati fil-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni minn qabel u għandu jipprovdi d-dettalji dwar il-metodu li ser jintuża u l-kwalità tad-data minn dan is-sors amministrattiv.

#### Artikolu 5

##### Rekwiżiti ta’ preċiżjoni

- L-Istati Membri li jiġbru kampjuni ta’ l-istħarriġ għandhom jiżguraw li r-riżultati kkalkolati bil-koeffiċenti ta’ l-istħarriġ ikunu rappreżentattivi għall-impriżi agrikoli f’kull reġjun u huma mfassla sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’ preċiżjoni stipolati fl-Anness IV.
- F’każijiet debitament ġustifikati l-Kummissjoni għandha tippermetti lill-Istati Membri xi eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti ta’ preċiżjoni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għal reġjuni speċifiċi.

#### KAPITOLU II

##### STATISTIKA DWAR L-ISTRUTTURA TA’ IMPRIŻI AGRIKOLI

#### Artikolu 6

##### Stħarriġ dwar l-istruttura ta’ impriża agrikola

- Fl-2010, fl-2013 u fl-2016, l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar l-istruttura ta’ l-impriżi agrikoli, minn hawn ‘il quddiem imsejħa “stħarriġ dwar l-istruttura ta’ l-impriżi agrikoli”.
- L-istħarriġ ta’ l-istruttura ta’ l-impriżi agrikoli fl-2010 għandu jsir bħala ċensiment. Madanakollu, il-kampjuni ta’ stħarriġ jistgħu jintużaw għall-karatteristiċi li jikkonċernaw attivitajiet oħrajn bi qligħ imwettqa mill-ħaddiema, elenkati fl-Anness III Taqsima V(ii).
- L-istħarriġ ta’ l-istruttura ta’ l-impriżi agrikoli fl-2013 u fl-2016 jista’ jsir bħala kampjuni ta’ stħarriġ.

#### Artikolu 7

##### Il-karatteristiċi ta’ l-istħarriġ

- L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-karatteristiċi elenkati fl-Anness III.
- Il-Kummissjoni tista’, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2), temenda l-lista ta’ karatteristiċi mniżżla fl-Anness III għall-istħarriġ ta’ l-istruttura ta’ l-impriżi agrikoli għall-2013 u l-2016.

3. Jekk Stat Membru jiddetermina li xi karatteristika jkollha prevalenza baxxa jew ma tkunx teżisti, il-karatteristika tista' tiġi eskluża mill-ġbir tad-data. Dak l-Istat Membru għandu jgħarraf il-Kummissjoni fis-sena kalendarja li tippreċedi immedjatement is-sena ta' l-istħarriġ dwar kwalunkwe karatteristika eskluża mill-ġbir tad-data.

4. Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2).

#### Artikolu 8

##### Perjodi ta' referenza

Il-perjodi ta' referenza ta' l-istħarriġ dwar strutturi ta' l-impriżi agrikoli fis-snin ta'stħarriġ 2010, 2013 u l-2016 għandhom jiġu definiti kif ġej:

- għall-karatteristiċi ta' l-art kif speċifikati fl-Anness III, perijodu ta' 12-il xahar li jispiċċa f'għurnata ta' referenza bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-istħarriġ;
- għall-karatteristiċi tal-bhejjem kif speċifikati fl-Anness III, għurnata ta' referenza bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' l-istħarriġ;
- għall-karatteristiċi tal-ħaddiema kif speċifikati fl-Anness III, perijodu ta' 12-il xahar li jispiċċa f'għurnata ta' referenza bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-istħarriġ;
- għall-miżuri fl-iżvilupp rurali speċifikati fl-Anness III, perijodu ta' tliet snin li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' l-istħarriġ.

#### Artikolu 9

##### Trażmissjoni

- L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni data validata li tkun tirriżulta minn stħarriġ sabiex tintuża fl-istħarriġ ta' l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli għall-2010 sal-31 ta' Marzu 2012.
- Għall-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriża agrikola fis-snin ta' l-istħarriġ ta' l-2013 u l-2016, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni data validata li tirriżulta mill-istħarriġ fi żmien 12-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' stħarriġ.
- Data dwar il-miżuri ta' żvilupp rurali li jisemmew fl-Anness III, u li tkun ibbażata fuq arkivji amministrattivi, tista' tintbagħat lill-Kummissjoni separatament fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' l-istħarriġ.
- Id-data dwar l-istrutturi ta' l-impriżi agrikoli li tirriżulta mill-istħarriġ miqiegħut lill-Kummissjoni għandha ssir f'forma elettronika u fil-livell ta' l-impriżi agrikoli individwali.
- Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-format ta' l-għoti tad-data ta' l-istħarriġ.
- Id-data ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli m'għandhiex tintuża biex jittieħdu kampjuni jew biex jitwettaq stħarriġ mill-Kummissjoni.

#### Artikolu 10

##### Qafas għat-teħid tal-kampjuni

Għar-raġunijiet ta' aġġornament tal-qafas tal-ksib tal-kampjuni dwar l-istħarriġ ta' l-istrutturi ta' l-impriżi agrikoli fl-2013 u fl-2016, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-istħarriġ dwar strutturi ta' l-impriżi agrikoli b'aċċess għall-informazzjoni dwar l-impriżi agrikoli li tinsab fil-fajls amministrattivi fit-territorju nazzjonali tagħhom.

#### KAPITOLU III

##### STATISTIKA DWAR METODI TA' PRODUZZJONI AGRIKOLA

#### Artikolu 11

##### Stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola

- L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola użati fl-impriżi agrikoli. Dan l-istħarriġ jista' jitwettaq bħala stħarriġ fuq kampjun.
- Fil-każijiet li jkunu debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tippermetti lil Stat Membru li jwettaq l-istħarriġ b'kampjuni permezz ta' l-użu ta' sottokampjuni separati.
- L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-metodi ta' produzzjoni agrikola elenkati fl-Anness V.
- Għal kull impriża mistħarrġa, l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll stima tal-volum ta' ilma użat għat-tisqija fl-impriża (f'metri kubi). L-istima tista' ssir permezz ta' mudell.
- Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'sostenn metodoloġiku u b'sostenn ieħor sabiex jinbena l-mudell imsemmi fil-paragrafu 4. Barra minn dan, il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' l-esperjenzi bejn l-Istati Membri meħtieġa biex jinkisbu riżultati paragonabbli.
- Jekk Stat Membru jiddetermina li xi karatteristika jkollha prevalenza baxxa jew ma jkollha l-ebda prevalenza, il-karatteristika tista' tkun eskluża mill-ġbir tad-data. Dak l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni fis-sena kalendarja li tiġi immedjatement qabel is-sena ta' l-istħarriġ dwar kwalunkwe karatteristika eskluża mill-ġbir tad-data.
- Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2).
- Il-perijodu ta' referenza għandu jaqbel mal-perijodi ta' referenza użati għall-karatteristiċi ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli fl-2010.
- Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ għandhom jiġu konnessi mad-data miksuba mill-istruttura ta' l-impriżi agrikoli fl-2010 fil-livell ta' l-impriżi agrikoli individwali. Id-data validata kkombinata għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fil-forma elettronika sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.



10. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-format ta' l-għoti tad-data ta' l-istħarriġ.

11. Id-data dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli m'għandhiex tintuża biex jittieħdu kampjuni jew biex jitwettagħ sħarriġ mill-Kummissjoni.

#### KAPITOLU IV

### RAPPORTI, MIŻURI TA' FINANZJAMENT U IMPLIMENTAZZJONI

#### Artikolu 12

#### Rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti metodoloġiċi nazzjonali għall-istħarriġ koperti b'dan ir-Regolament, li jiddekkoriv:

- l-organizzazzjoni u l-metodoloġija applikati;
- il-livelli ta' preċiżjoni miksuba għall-kampjuni ta' l-istħarriġ li jissemmew f'dan ir-Regolament;
- l-informazzjoni dwar il-kwalità tas-sorsi ta' kwalunkwe data amministrattiva użati; kif ukoll
- il-kriterji ta' inklużjoni u ta' esklużjoni applikati biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' kopertura speċifika fl-Artikolu 3.

2. Ir-rapporti metodoloġiċi nazzjonali għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni bir-riżultati vvalidati ta' l-istħarriġ, f'konformità ma' l-iskadenzi speċifika fl-Artikolu 9 (1) u (2).

3. Minbarra r-rapporti metodoloġiċi nazzjonali meħtieġa fi tmiem kull sħarriġ, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kull informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa dwar l-organizzazzjoni u l-metodoloġija ta' l-istħarriġ.

#### Artikolu 13

#### Il-kontribuzzjoni Komunitarja

1. L-Istati Membri għandhom jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' 75 % mill-Komunità għall-ispejjeż tat-twettagħ ta' l-istħarriġ definiti f'dan ir-Regolament, soġġett għall-ammonti massimi definiti fil-paragrafi 3 u 4.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-assistenza teknika u konsultattiva meħtieġa fir-rigward ta' l-identifikazzjoni bis-satellita ta' impriżi agrikoli, lil dawk l-Istati Membri li jippreżentaw applikazzjonijiet.

3. Għall-ispejjeż ikkombinati ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli ta' l-2010 u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, il-kontribuzzjoni Komunitarja ser tkun limitata għall-ammonti massimi speċifika hawn taħt:

- EUR 50 000 miljuni kull wieħed għal-Lussemburgu u Malta;
- EUR 1 000 000 kull wieħed għall-Awstrija, l-Irlanda u l-Litwanja;
- EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall u r-Renju Unit;
- EUR 3 000 000 kull wieħed għall-Greċja, Spanja u Franza;

— EUR 4 000 000 kull wieħed għall-Italja, il-Polonja u r-Rumanija; u

— EUR 300 000 kull wieħed għall-Istati Membri l-oħrajn.

4. Għal-istħarriġ dwar l-istrutturi ta' l-impriżi agrikoli fl-2013 u fl-2016, l-ammonti massimi speċifika fil-paragrafu 3 għandhom jtnaqqsu b"50 %.

5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja hija ffinanzjata mill-Fond tal-Garanziji Agrikoli Ewropej skond l-Artikolu 3(2), punt (e) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

#### Artikolu 14

#### Qafas Finanzjarju

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' sħarriġ, inklużi l-approprijazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi ta' bażijiet tad-data użati fil-Kummissjoni biex jipproċessaw id-data pprovduta mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ta' EUR 58 850 000 għall-perijodu 2008-2013.

2. L-ammont għall-perijodu 2014-2018 għandu jiġi ffixxat mill-awtorità baġitarja u leġislattiva fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-qafas finanzjarju ġdid għall-perijodu li jibda fl-2014.

3. L-approprijazzjonijiet ta' kull sena għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

#### Artikolu 15

#### Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola, stabbilit mid-Deċiżjoni 72/279/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

#### Artikolu 16

#### Derogi

1. B'deroga mill-Artikoli 6(1) u (2), 8, 9(1), 11(8) u (9), 13(3), l-Anness III u l-Anness IV, ir-referenzi għas-sena 2010 għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għas-sena 2009 għall-Greċja, Spanja u l-Portugall.

2. B'deroga mill-Artikolu 9(1), ir-referenza għall-31 ta' Marzu 2012 għandha tiġi sostitwita bi:

- 31 ta' Marzu 2011 għall-Greċja u l-Portugall;
- 30 ta' Ġunju 2011 għal Spanja;
- 30 ta' Ġunju 2012 għall-Italja u r-Rumanija.

3. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 11(9), ir-referenza sal-31 ta' Diċembru 2012 għandha tiġi sostitwita bil-31 ta' Diċembru 2011 għall-Greċja, Spanja u l-Portugall.

*Artikolu 17***Ir-Revoka**

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 571/88 għandu jiġi revokat.
2. Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament

*Artikolu 18***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, 19 ta' Novembru 2008.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-P. JOUYET

## ANNEX I

**Lista ta' attivitajiet agrikoli li jissemmew fid-definizzjoni ta' impriża agrikola**

L-attivitajiet li ġejjin (li jistgħu jkunu attivitajiet primarji jew sekondarji) huma bbażati fuq Klassifikazzjoni Statistika Ewropea ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi (NACE Rev. 2) għall-produzzjoni tal-ħxejjex u ta' l-annimali, attivitajiet ta' kaċċa u ta' servizzi relatati u li jintużaw sabiex jiddefinixxu impriża agrikola:

Deskrizzjoni ta' l-attività	Kodiċi tan-NACE Rev. 2	Noti addizzjonali dwar attivitajiet inklużi jew esklużi meta jiġu definiti l-attivitajiet agrikoli
Tkabbir ta' għelejjel mhux perenni	01.1	
Kultivazzjoni ta' ħxejjex perenni	01.2	Impriżi agrikoli li jipproduċu inbid jew żejt taż-żebbuġa minn għeneb jew żebbuġ li jipproduċu huma stess huma inklużi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.
Propagazzjoni ta' pjanti	01.3	
Produzzjoni ta' annimali	01.4	L-attivitajiet kollha kklassifikati taħt 01.49 tan-NACE Rev. 2 (Trobija ta' l-annimali kollha) għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament, ħlief: (i) it-trobija u riproduzzjoni tan-nagħam, l-emus u l-fniek; (ii) trobbija ta' naħal u l-produzzjoni ta' għasel u x-xemgħa tan-naħal.
Biedja mħallta	01.5	
Attivitajiet ta' sostenn għall-agrikoltura u attivitajiet ta' wara l-ħsad	01.6	B'mod ġenerali, l-impriżi kollha li jwettqu l-attivitajiet skond in-NACE Rev.2 huma esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament jekk dawn jitwettqu b'mod esklussiv. Madanakollu, l-impriżi li għandhom fil-pussess tagħhom art agrikola f'kundizzjoni ambjentali u agrikola tajba (taħt 01.61 ta' NACE Rev.2) huma inklużi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

## ANNEX II

**Limiti massimi dwar sħarriġ ta' l-istrutturi ta' l-impriżi agrikoli u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola**

	Karatteristiċi	Limitu massimu
Żona ta' raba użata	Uċuħ tar-raba', art għall-koltivazzjoni domestika, merġha permanenti, ħxejjex permanenti	5 ħa
Ħxejjex ta' barra permanenti	Frott, berry, mixtla ta' ċitru u ta' żebbuġ, dwieli u mixtla ta' pjanti li għadhom żgħar	1 ħa
Produzzjoni intensiva oħra	Ħxejjex friski, bettiegħ u frawli, li jinsabu barra jew li għandhom kopertura protettiva (mhux aċċessibbli) baxxa	0,5 ħa
	Tabakk	0,5 ħa
	Hops	0,5 ħa
	Qoton	0,5 ħa
Ħxejjex taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)	Ħxejjex friski, bettiegħ u frawli	0,1 ħa
	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtla fejn ikunu għadhom żgħar)	0,1 ħa
L-animali bovini	Kollha	10 Irjus
Ħnieżer	Kollha	50 Ras
	Majjali femminili għat-tgħammir	10 Irjus
Nagħaġ	Kollha	20 Ras
Mogħoż	Kollha	20 Ras
Tjur	Kollha	1 000 Ras



## ANNEX III

## Lista tal-karatteristiċi ta' l-istħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli

KARATTERISTIĊI	UNITAJIET/ KATEGORIJI
<b>I. General characteristics</b>	
– Lok ta' l-impriża	
-- Latitudni (sa ark ta' 5 minuti jew anqas)	Gradi: Minuti
-- Lonġitudni (sa ark ta' 5 minuti jew anqas)	Gradi: Minuti
